

# Ir-rumanz 'Aħna Sinjuri' jqanqal polemika

**Minn Sergio GRECH**
***B.A. Hons, P.G.C.E., M.A.***



Bejn l-1992 u l-1994, jien kont student is-*Sixth Form*, l-Imsida.[1] Dak iż-żmien, din l-iskola kienet istituzzjoni indipendenti mill-Università ta' Malta għalkemm kienet tippreparak biex tidħol fl-istituzzjoni msemmija billi ġġib tliet eżamijiet fil-Livell Avvanzat. Kienet skola oħra tal-gvern, ħa nsejħilha hekk. Normalment, l-istudenti kienu jagħmlu l-eżamijiet imsejħa minn kulħadd tal-Matrikola. Mat-tliet suġġetti, kien jiżdied ukoll l-*Oqsma tal-Għerf*, is-*Systems of Knowledge*, li miegħu kellu mudell xjentifiku abbinat.

Fost is-suġġetti li kont għażilt kien hemm il-Malti, is-Soċjoloġija u l-Istorja. Nistqarr li għall-bidu flok il-Malti kont għażilt l-Istudji Politiċi, imma billi kont waħdi, is-suġġett ma ġiex offrut minkejja li kien fil-lista tas-suġġetti offruti mill-iskola msemmija. Persuna mid-direzzjoni sa kienet qaltli li kont qed nistenna wisq jekk kont qed nippretendi li jtuni s-suġġett la kont waħdi. Minn hemm għażilt il-Malti anki għax ma kienx hemm żmien x'titlef jew tinnegozja.

Il-Malti kellu dipartiment b'saħħtu ħafna fejn fost il-letturi kien hemm Mario Azzopardi, imlaqqam 'il-Mulej', poeta ta' kalibru kbir li kien ukoll protagonist fix-xena tal-palk Malti u l-ġurnaliżmu kulturali u politiku fost l-oħrajn. Kien żmien meta t-testi letterarji kienu pjutost interessanti u dinamiċi. Kien hemm il-ġabra ta' Oliver Friggieri, *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* u *Min hu Evelyn Costa u Drammi Oħra* ta' Alfred Sant, fejn il-loġika ma tibqax teżisti matul l-imsemmija drammi. Iż-żewġ testi konna għamilniehom ma' Azzopardi li kellu stil għalih ta' kif iħaddem il-mekkaniżmi biex tapprezza test letterarju. Kienu lezzjonijiet animati, xi drabi anki kontroversjali, fejn Azzopardi kien jisfida l-ħsieb kurrenti u kien jogħxa jwaqqa' l-edifiċji speċjalment dawk tal-poter. Għandi amment ukoll li f'dak il-perjodu Politeatru kienu tellgħu d-drammi ta' Alfred Sant fit-teatru tal-G.W.U., il-Belt, mingħalija b'direzzjoni pjuttost liberali ta' Narcy Calamatta.

Dak iż-żmien kienet b'saħħitha r-rivista *Analiżi*, li kienet tagħti lill-istudenti artikli studjati u akkademiċi dwar it-testi letterarji u anki tagħrif ġenerali imma l-enfażi kienet iktar fuq il-letteratura li kien hemm fis-sillabu tal-Matrikola tal-Malti. Kien hemm sa ċertu punt enfażi fuq il-letteratura l-moderna tas-sittinijiet









***Il-qoxra tar-rumanz 'Aħna Sinjuri' li ġie stampat fl-1965… l-awtur J.J. Camilleri (1928-2012)… u r-rivista kritika 'Analiżi', edizzjoni Ġunju-Settembru 1992.***

li dik il-ħabta kienet ukoll fis-sillabu permezz tal-antoloġija *Ilħna Mkissra*, editjata minn Peter Serracino Inglott. Għandi nifhem ukoll li billi editur minnhom kien wieħed mill-protagonisti ewlenin tal-perjodu, bla ma ried l-enfażi kien riservat għal-letteratura l-ġdida u wisq probabbli hekk kien jixraq anki għax dawk kienu testi mhux dejjem penetrabbli. L-istudenti tal-Malti kienu jistudjaw ukoll il-poeżiji ta' Dun Karm u allura li student iħabbat il-ġeneri ma' xulxin kien mistenni. *Analiżi* kienet pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni b'Dr Paul Heywood, ċerman tal-bord. Il-P.E.G. kienu jistampaw ir-rivista. Kien hemm doża żgħira ta' reklamar li kien ta' forċina għar-rivista fosthom ta' xarba fil-pakketti li sa fejn naf illum m'għadhiex fis-suq.

Milli niftakar jien, il-*factotum* tal-*Analiżi* kien Mario Azzopardi kif ukoll il-mibki George Mifsud Chircop, li dak iż-żmien kien għadu jgħallem il-*Higher Secondary*, in-Naxxar. Magħhom kienu jingħaqdu membri tad-dipartiment, li kienu jipprovdu artikli fuq aspetti differenti tat-testi. Kien hemm ukoll artikli dwar l-arti minn E.V. Borg u Adrian Stivala, li kien jikteb minn xahar għal xahar dwar xi belt Ewropea. Kienu żminijiet li aħna bħala żgħażagħ konna mħeġġin biex insiefru u niskopru d-dinja ta' hemm barra.

Li kien interessanti kien li fl-*Analiżi* mhux darba jew tnejn kien ikun hemm fiha xi diskussjoni jew polemika dwar xi test għall-eżami, anki intenzjonat biex l-istudent jieħu formazzjoni usa'. Waħda minn dawn il-polemiċi kienet id-diskussjoni li kienet għaddejja dwar ir-rumanz *Aħna Sinjuri* tal-awtur Mosti J.J. Camilleri: test ieħor għall-eżami. Il-polemika kienet involviet l-awtur innifsu u l-kritiku tal-letteratura l-Prof. Charles Briffa. Fil-qasir, Briffa kien qed isostni, mingħajr tlaqliq u tidwir mal-kantunieri, li *Aħna Sinjuri* ma kienx għażla għaqlija (enfażi tiegħi) għall-istudenti tal-Matrikola tal-Malti li fi kliemu setgħu b'dak it-test partikolari jaraw il-letteratura Maltija bħala waħda "puwerili" jekk jiġu biex jagħmlu l-kuntrasti.

## Il-profil ta' J.J. Camilleri

J.J. Camilleri hu l-awtur ta' diversi rumanzi, fosthom *L-Għar tax-Xitan* (li baqa' meqjus fost l-aqwa xogħol letterarju tiegħu), *Ulied il-Qawsalla, Aħna Sinjuri, Luteru*, u bosta oħrajn. Kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal-Malti (Università). Kiteb ukoll il-poeżija. Għall-Maġisteru tiegħu, J.J. Camilleri kien ħadem fuq il-kwistjoni tal-lingwa. Dwar is-suġġett ippubblika diversi studji fir-rivista *Hyphen*, li kienet toħroġ mill-istess *Sixth Form*. Camilleri kien wieħed mill-edituri ta' *Id-Denfil* meta dan tal-aħħar ħa post il-*Ġabra ta' Ward*. Ta sehmu wkoll biex jitwaqqaf ir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone fil-Mosta bħala ċentru kulturali nazzjonali. Kien anki xandâr u niftakru bi programmi ma' Peter Paul Ciantar.

Wara mewtu, Steve Borg editja l-awtobijografija tiegħu *Malta li Għext Fiha* u ġiet ippubblikata mal-S.K.S. Riċentement skoprejna li J.J. Camilleri kien ukoll pittur. Kien għal xi żmien President tal-Mosta F.C. Miet fis-sena 2012. Ma naqsux teżijiet universitarji dwar Camilleri, fosthom *Is-soċjetà riflessa fil-kitbiet ta' J.J. Camilleri* ta' Karl Alan Fenech.

Tajjeb inżommu f'moħħna li r-rumanz *Aħna Sinjuri* ra d-dawl tal-istampa fl-1965 u kien reġa' daħal fl-istampa tista' tgħid minħabba l-istess Matrikola madwar 25 sena wara. It-tieni edizzjoni tar-rumanz kienet ġiet ippubblikata mill-awtur innifsu.

## Il-polemika

Oriġinarjament, jidher li l-polemika kienet bdiet fir-rivista *Neo* fejn Charles Briffa kien espona l-ewwel darba l-argumenti tiegħu fejn, fil-qasir, kien









*It-tieni edizzjoni tal-imsemmi rumanz reġa' ġie pppubblikat mill-awtur innifsu fl-1990 propju minħabba l-Matrikola… u JJ Camilleri, li kien magħruf bħala 'Il-Pjola' jew 'Is-Sir, ħalliena fil-5 ta' Lulju, 2012, fl-età ta' 84 sena. Il-'JJ' ta' spiss kien jikteb fl-annwal tas-Soċjetà Nicolò Isouard u fl-edizzjoni tal-2012 konna ppubblikajna żewġ apprezzamenti dwaru.*

sostna li hu ma kienx jemmen li *Aħna Sinjuri* kien għażla tajba għall-istudenti tal-Matrikola tal-Malti.[2] Forsi l-mistoqsija tal-qarrej hija kif id-diskussjoni imma tferrxet fl-*Analiżi*. L-edituri tal-*Analiżi* kienu ppubblikaw taħdita li Camilleri kien ta dwar ir-rumanz fejn matulha kien irrefera għall-uħud mill-argumenti li Briffa kien għamel fin-*Neo*. It-taħdita dehret fl-*Analiżi* ta' Frar-Marzu 1992.[3] Briffa min-naħa tiegħu reġa' wieġeb fil-qasir u għamel il-punti tiegħu fl-*Analiżi* wara li dawn tal-aħħar ippubblikaw it-taħdita.[4] It-taħdita sħiħa ta' Camilleri kien dehret ukoll fil-*Hyphen*.

**Il-pożizzjoni ta' Charles Briffa**

Fl-*Analiżi,* Briffa telaq mill-punt li hu u Camilleri kellhom tifsira differenti ta' x'kienet tfisser il-kelma kritika. Għal Briffa, kritika kienet tfisser "analiżi u valutazzjoni" waqt, li skont Briffa, għal J.J. Camilleri, il-kelma kritika tfisser "ġudizzju sever b'kummenti xejn favorevoli."[5]

Għal Briffa, ir-rumanz *Aħna Sinjuri* kellu erba' nuqqasijiet:

1. "Mankament fis-sekwenza temporali;"
2. "Dettalji żejda għall-ħsieb ewlieni letterarju;"
3. "Manipulazzjoni żejda tal-karattri mill-awtur;"
4. u "Preżenza kontinwa tal-awtur li tfarrak l-illużjoni li hu stess ried joħloq."[6]

Briffa kompla jargumenta li l-iskop soċjali tar-rumanz *Aħna Sinjuri* jista' jitqassam fi tlieta:

1. Ir-rumanz "jiddeskrivi u janalizza l-qagħda f'Malta ta' żmien il-kompożizzjoni;"
2. "jeżamina d-duttrini ekonomiċi prevalenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' suġġetti bħal faqar, il-qgħad u l-medda ta' responsabilità pubblika;"
3. u "jissuġġerixxi alternattivi umanitarji għal dawn id-duttrini."[7]

Briffa ħares lejn ir-rumanz ta' Camilleri bħala rumanz soċjali u rah fil-programm usa' ta' kif kien qed jiżviluppa r-rumanz Malti speċjalment f'dal-każ dak modern. Fost il-preġji tar-rumanz, Briffa jsemmi li *Aħna Sinjuri* għandu "preġju storiku għax ta spinta lir-rumanz soċjali. Dan l-aspett jagħmlu modern u kontemporanju."[8] Briffa sostna wkoll li Camilleri kien iktar interessat fl-azzjoni milli l-karatterizzazzjoni.

Għal Briffa, il-problema tar-rumanz hija fit-teknika u sa kien qed jibża' li jekk student Malti jqabbel it-testi letterarji internazzjonali fis-sillabu tal-Oqsma tal-Għerf mar-rumanz ta' Camilleri seta' jara l-letteratura Maltija bħala puwerili. Sa Briffa ppropona wkoll liema testi setgħu daħlu għall-Matrikola flok *Aħna Sinjuri*: *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut, *Għajn ix-Xemx* ta' Francis Ebejer (li kien inqaleb għall-Malti minn Oliver Friggieri), kif ukoll xi rumanz minn tal-istess Friggieri.

**Il-pożizzjoni ta' J.J. Camilleri**

Fit-taħdita li kien ta Camilleri fid-9 ta' Frar, 1991, organizzata mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer mis-sensiela 'Taħdidiet bit-Tħejjija għall-Matrikola', Camilleri spjega li fis-sittinijiet tas-seklu 20, ir-rumanz Malti kien għad baqa' "wisq tradizzjonali" u meta ħareġ *Aħna Sinjuri* ftit kien inkiteb dwaru f'dik li hi kritika (kif jifhimha Briffa – interpretazzjoni tal-kittieb preżenti).[9]

Fost il-kritika 'pożittiva' irrappurtata minn Camilleri kien hemm dik ta' Oliver Friggieri li kien ra r-rumanz bħala "dawl ġdid, arja friska…" speċjalment meta qabbel il-passat riċenti letterarju Malti li, skont l-istess Friggieri, kien ra biss rumanzi storiċi. Għal Friggieri, l-awtur ikkommetta ruħu soċjalment.[10] Artikolista f'*Il-Malti*, ippubblikat mill-Akkademja tal-Malti, kiteb li J.J. Camilleri b'*Aħna Sinjuri* "ried imiss il-polz." Awtur ieħor fir-rivista *Problemi ta' Llum,* li kienet tippubblika l-Kumpanija ta' Ġesù, qal li Camilleri "ma jibżax jisfronda l-barrieri tar-rispett bla biżgħa anzi b'rabja jesplora l-ġlieda bejn il-klassijiet f'Malta."

Quddiem il-kritika ta' Briffa, Camilleri jgħid li Briffa ma sab xejn ta' fejda fir-rumanz tiegħu, u sostna li l-kritika mhix vanġelu u l-awtur m'għandux ikollu sarimi (enfażi tal-awtur preżenti) dwar dak li jikteb. Camilleri jimxi pass ieħor fl-argumenti tiegħu favur ambjent demokratiku fil-qasam tal-kitba: "fil-qasam letterarju hemm wisa' għall-opinjonijiet differenti imma żgur ma hemmx lok illi moħħ jippredomina fuq ħaddieħor."[11] Fl-istess taħdita J.J. Camilleri joħroġ sitt stadji differenti ta' kif hu jemmen li żviluppa r-rumanz Malti bil-fażi tas-sittinijiet jiddeskriviha bħala perjodu fejn ir-rumanzier beda jgħid dak li jħoss u hu jpoġġi *Aħna Sinjuri* flimkien mal-famuż *L-Għar tax-Xitan* u *Is-Sejħa tal-Art* f'din il-kategorija.

L-ewwel grupp ta' rumanzi li jsemmi huwa r-rumanz storiku li bħala emblema tiegħu jagħti lil Ġużè Muscat Azzopardi. It-tieni kategorija, dejjem fil-mudell ta' J.J. Camilleri, tilqa' fiha r-rumanz gotiku jew dak li Camilleri jsejjaħlu r-rumanz tal-biża' rappreżentat minn awturi bħal Arturu Caruana u 'Cumbu.' Inċidentalment fit-taħdita msemmija, Camilleri semma' mara Mostija li kellha kollezzjoni sħiħa ta' dawn ir-rumanzi u kien beżgħan li għada pitgħada meta din tmut, il-kollezzjoni kienet f'periklu li tintilef.

Wara, skont Camilleri, ġiet il-kategorija ta' Ġużè Aquilina, Ġino Muscat Azzopardi, Ġużè Galea fejn "l-importanza baqgħet fuq ir-rumanz storiku."[12] Camilleri qies lil Ġużè Chetcuti bħala fażi oħra għar-rumanz Malti meta "dan ukoll ħares lejn is-soċjetà ta' żmienu … imma … baqa' oġġettiv."[13] Wara daħlu r-riformisti li kellhom l-għan "li jsir f'Malta stħarriġ oġġettiv" taż-żmien.[14] F'din il-kategorija, Camilleri jinkludi lil Ġużè Ellul Mercer, Ġużè Bonnici, l-istess Chetcuti, imsemmi fuq, u lil George Zammit ta' Ħal Qormi.

Camilleri poġġa lir-rumanzi tiegħu ma' dawk tas-sittinijiet fejn issa d-diskors, skont hu, huwa iktar dirett, u l-awturi "jitkellmu ċar mingħajr ekwivoku."[15] J.J. Camilleri, mhux talli ma rax id-difetti li semma Charles Briffa anzi jimplika li hemm "genre ġdid" f'*Aħna Sinjuri*. Dan l-argument jibnieh fuq il-fatt li *Aħna Sinjuri* ma baqax limitat u f'kuntrast totali mal-fatt li l-awturi ta' qabel is-sittinijiet kienu selittivi, u "qagħdu attenti x'jagħżlu bħala tema." J.J. Camilleri kien persważ li *Aħna Sinjuri* heżżeż "is-sisien politiċi u reliġjużi illi fuqhom kienet mibnija s-soċjetà Maltija."[16]

**Il-veduti ta' Charles Briffa 30 sena wara**

Fit-12 ta' Mejju, 2022, il-Prof. Charles Briffa tani din ir-reazzjoni dwar il-polemika wara li xi jiem qabel tlabtu jirrifletti dwarha.[17] Dan li ġej hu t-test sħiħ tar-reazzjonijiet ta' Briffa.

"Issa għaddew 30 sena u ma niftakarx wisq minn dak li ġara. F'dan li ġej, għeni ftit id-djarju tiegħi ta' dik il-ħabta. Niftakar li kont intlabt nagħmel studju għall-istudenti minħabba li dan ir-rumanz kien issettjat għall-Matrikola Avvanzata tal-Malti (1991). Meta wrejtu lil Mario Azzopardi, mal-ewwel ħatfu u qalli jġibu f'*Neo* bħala reċensjoni.

Fl-istudju tkellimt fuq il-valuri letterarji (b'implikazzjonijiet teoretiċi) ta' dan ir-rumanz soċjali. Tajt l-isfond storiku u l-filosofija ta' dan ix-xogħol, spjegajt għaliex huwa rumanz soċjali, ittrattajt ix-xejriet ta' narrazzjoni tiegħu u l-għamla ta' narratur, iddiljajt mal-azzjoni u l-karatterizzazzjoni, u eżaminajt l-istruttura u l-użu tal-lingwa tar-rumanz. Fl-istess ħin semmejt li n-nisġa tar-rumanz kellha xi nuqqasijiet u dettalji żejda: semmejthom u ddiskutejthom.

Imma jien kelli argument qawwi kontra l-għażla ta' dan ir-rumanz għall-Matrikola Avvanzata meta fl-istess żmien kien hemm *Leli ta' Ħaż-Żgħir* għal-Livell Ordinarju. Jien ħassejt li l-affarijiet kellhom għallinqas ikunu bil-maqlub għax għalija *Leli ta' Ħaż-Żgħir* kien aktar jixraq fil-Livell Avvanzat u *Aħna Sinjuri* fil-Livell Ordinarju. Jiġifieri, il-kritika tiegħi kienet indirizzata lejn il-Bord tal-Matsec.

Meta tkellimt fuq din il-ħaġa ma' Oliver Friggieri niftakar sew li qalli li kull xogħol jista' jkollu livelli differenti. Imma bqajt nhewden għax fil-Livell Avvanzat ix-xogħol ried jidher ma' letteratura barranija ta' kalibru għoli li kienet issettjata fis-*Systems of Knowledge* ta' dik il-ħabta. U ma xtaqtx li (fil-livell post-sekondarju) il-letteratura Maltija (ħdejn dik barranija) tidher puwerili f'għajnejn l-istudenti Maltin. Fil-kummenti tiegħu, Camilleri ma semma xejn fuq dan l-argument edukattiv qawwi.

Il-kummenti ta' Camilleri żgiċċaw mill-qofol tal-argumenti tiegħi, anzi kultant żied mal-kummenti tiegħi; u ma qal assolutament xejn fuq dawk li jien semmejt "difetti tar-rumanz". Għaldaqstant, ħassejt li ma kienx hemm xi nwieġeb fil-kummenti ta' Camilleri, u (sa fejn niftakar) ma ktibt xejn aktar fuqhom.

Fl-istudju tiegħi jien ridt ngħaqqad il-kritika letterarja mal-ħsieb tal-istudju edukattiv; jiġifieri, ridt norbot il-kritika mal-edukazzjoni. Ridt inkun kritiku waqt li nibqa' edukatur. B'hekk ħassejt li kellha tkun il-funzjoni tiegħi ta' medjatur. U jidhirli li kont wettaqt din il-funzjoni bl-istudju tiegħi u Mario Azzopardi kien qabel miegħi."[18]

**Riflessjoni aħħarija**

Dan l-artiklu ġabar f'sinteżi polemika li kienet qamet bejn l-awtur J.J. Camilleri u l-kritiku Charles Briffa dwar ir-rumanz *Aħna Sinjuri* li l-istudenti Maltin kellhom bħala test għall-Matrikola tal-Malti. Bla ma trid wieħed ma jistax ma josservax kif illum dawn it-tipi ta' diskussjonijiet jew polemiċi letterarji huma għal kollox neqsin kemm mill-istampa kif ukoll minn pjattaformi diġitali. Għal ħafna żgħażagħ li bdew jiktbu fid-disgħinijiet u komplew wara, il-gazzetti kienu mhux biss iservu ta' pjattaforma fejn jippubblikaw xogħol letterarju ġdid, anki jekk immatur, imma bosta drabi ma kinux jonqsu wkoll il-polemiċi u d-diskussjonijiet. Din il-kitba ma għandhiex tiġi meqjusa bħala tentattiv biex jitbaxxa Camilleri imma ħarsa lejn inċident f'ħajtu u kif hu rreaġixxa għalih. Forsi, kontribut ċkejken fil-bijografija ta' Camilleri.

**Referenzi**

1 Grazzi lil Dr Michelle Attard Tonna għall-preċiżjoni fid-dati.
2 *Neo*, Diċembru 1990, 39.
3 *Analiżi*, Frar-Marzu 1992, 10-11.
4 *Analiżi*, Ġunju-Settembru 1992, 22.
5 Ibid.
6 Ibid.
7 Ibid.
8 Ibid.
9 *Analiżi*, Frar-Marzu 1992, 10-11.
10 Ibid.
11 Ibid.
12 Ibid.
13 Ibid.
14 Ibid.
15 Ibid.
16 Ibid.
17 E-mail ta' Sergio Grech lil Charles Briffa datata 9 ta' Mejju, 2022.
18 E-mail ta' Charles Briffa lil Sergio Grech datata 12 ta' Mejju, 2022.